

Brussell, 14 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10616/20

ENV 505
ONU 42

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	10581/20
Suġġett:	Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bijodiversità: Avveniment tal-Mexxejja għan-Natura u n-Nies - Awtorizzazzjoni għall-approvazzjoni tal-Impenn tal-Mexxejja għan-Natura f'isem l-Unjoni Ewropea

1. Fis-7 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni infurmat lill-korpi preparatorji tal-Kunsill¹ dwar l-intenzjoni tagħha li tapprova dikjarazzjoni volontarja, intitolata "Impenn tal-Mexxejja għan-Natura". Din id-dikjarazzjoni ser tkun miftuħa għall-approvazzjoni fl-Avveniment tal-Mexxejja għan-Natura u n-Nies, li ser isir virtwalment fit-28 ta' Settembru, fil-kuntest tas-Summit tan-NU dwar il-Bijodiversità, li għandu jsir virtwalment fit-30 ta' Settembru.
2. It-talba tal-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex japprova d-dikjarazzjoni, flimkien mat-test finali tal-Impenn, ġiet kondiviża mal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali (WPIEI) (Bijodiversità) u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fit-8 ta' Settembru² u ġiet ikkunsidrata fil-laqgħa informali b'vidjokonferenza tal-WPIEI Bijodiversità fl-10 ta' Settembru. Sussegwentement, intlaħaq qbil dwar it-talba tal-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni fil-livell ta' grupp ta' ħidma permezz ta' proċedura ta' silenzju informali fl-14 ta' Settembru 2020.

¹ WK 9019/2020

² ST 10581/20

3. It-test tal-Impenn tal-Mexxejja għan-Natura, meħmuż ma' ST 10581/20, huwa meqjus bħala finali u ma huwa mistenni l-ebda tibdil ulterjuri fit-test. Madankollu, jekk jiġi propost aktar tibdil, dan ikun jista' jiġi aċċettat biss sa fejn ikun konformi mal-politiki u l-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni kif ukoll mal-pożizzjonijiet miftehma tal-UE u l-Istati Membri tagħha.
 4. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova, f'isem l-Unjoni, l-Impenn tal-Mexxejja għan-Natura.
-